GOVERNMENT OF MALTA
DEPARTMENT OF INFORMATION

# PRESS RELEASE

| | | |
|---|---|---|
| PR231024 | 29.06.2023 | 1 |

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

L-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati, Anġlu Farrugia, jirreferi għal numru ta' rapporti fil-midja dwar il-vot deċiżiv li bil-liġi huwa kien dovut jagħti fl-aħħar laqgħa tal-Kumitat dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika ta' nhar l-Erbgħa, 28 ta' Ġunju 2023. F'dan ir-rigward, l-Ispeaker Farrugia qed jippubblika t-test tal-motivazzjoni li huwa għamel waqt l-istess kumitat fejn spjega x'wassal lis-Sedja tasal għad-deċiżjoni tagħha (dokument anness).

3, Castille Place, Valletta VLT 2000. Malta
T +356 2200 1700 E press.releases@gov.mt

**Motivazzjoni tal-vot deċiżiv dwar l-adozzjoni tar-Rapport K/041**

**L-ISPEAKER:** Matul il-laqgħa tal-Kumitat Permanenti għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika li saret nhar it-Tnejn, 15 ta' Mejju ta' din is-sena, il-Kumitat iddiskuta r-rapport tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika dwar il-każ 41 u waradiskussjoni bejn il-Membri kollha tal-Kumitat u wara li s-Sedja poġġiet il-mistoqsija dwar jekk *ai termini* tal-artiklu 27 tal-Att dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika l-Kumitat għandux jadotta r-rapport tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika dwarl-imsemmi każ, il-Kumitat ivvota hekk:

Votazzjoni Nru 1

Favur – l-Onor. Mark Anthony Sammut u l-Onor. Ryan Callus.

Kontra – l-Onor. Jonathan Attard u l-Onor. Andy Ellul.

Peress li l-voti fil-Kumitat kienu ndaqs, is-Sedja informat lill-Membri li skont artiklu 26 tal-Att dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika, meta l-voti jkunu ndaqs l-Ispeaker għandu jkollu l-vot deċiżiv iżda ma jkollux il-vot oriġinali u kien se jagħti l-vot tiegħu fi stadjuulterjuri. Fil-fatt il-Kumitat aġġorna u d-data għandha tiġi komunikata aktar 'il quddiem.

Is-Sedja, qabel ma tagħti l-vot, rat u qed tifli dawn il-konsiderazzjonijiet li diġà esprimiethom matul il-laqgħa tal-Kumitat Permanenti dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika tal-15 ta' Mejju.

Fost l-oħrajn is-Sedja qalet hekk dwar il-Guidelines li huma parti essenzjali dwar ir-rapport li wasal għalih il-Kummissarju fl-1 ta' Ġunju tas-sena l-oħra dwar użu mhux xieraq tal-fondi pubbliċi fil-pubblikazzjoni ta' reklami ta' natura politika li deherfis-suppliment tal-gazzetta *KullĦadd.* Nikkwota:

> "Il-Kummissarju, kif taf inti, taħt il-liġi tal-istandards taħt artiklu 13 għandu dritt jagħmel rakkmandazzjonijiet kif fil-fatt għamel. Għaddielna revision tal-*Codeof Ethics for Members of the House of Representatives and for Ministers and Parliamentary Secretaries*. Fosthom hemm il-kwestjoni tal-proposed Guidelines li qed nagħmel referenza għalih.
>
> Kif sewwa għamel, u kif jien personali naqbel magħhom, *en bloc*, totali, jiġifieri m'hemmx kwestjoni fuq xi dettall, però ovvjament meta tiġi biex timponi l-linji gwida, jridu jkunu parti mil-liġi li għandek quddiemek ... Tant hu hekk li meta kien hemm il-Kumitat l-ieħor u kien hemm l-Onor. Karol Aquilina fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2021, meta ġejna fl-aħħar tal-intervent, għax ġibna l-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika biex jispjega dak li qed jirrakkmanda taħt artiklu 13, hemmhekk saret il-proposta tal-Onor. Karol Aquilina lill-Ispeaker, fejn qal li hemm qbil li dan ir-rapport, bir-rakkmandazzjonijiet, jiġi trattat f'waħda mill-ewwel laqgħat ta' dan il-Kumitat. Kemm jista' jkun nittrattawh għaliex il-Membri tal-Oppożizzjoni hawnhekk talbu lill-Kumitat li għandu jkompli jiddiskuti dan ir-rapport, bil-għan li jsiru proposti għall-Abbozz ta' Liġi u sussegwentement jitressaq fil-Kamra biex jiġi rivedut il-Kodiċi tal-Etika tal-Membri Parlamentari. In-naħa tal-Gvern sostniet li l-Kumitat għandu jqis li din id-diskussjoni fuq dan ir-rapport ġiet

> konkluża, u wara d-diskussjoni għandha tiġi rispettata fil-gruppi parlamentari. Il-pass wara li jiddiskutu fil-gruppi parlamentari taż-żewġ naħat tal-Kamra, jitressaq l-Abbozz ta' Liġi biex jidħol dan kollu fl-intier tiegħu, jew jekk mhuxfl-intier, wara li ssir diskussjoni fil-Kamra biex isir dibattitu, imbagħad jittieħedvot dwar l-emendi li jistgħu jiġu proposti f'dan ir-rigward."

Dik kienet il-parti fejn tkellimt.

Imbagħad għamilt referenza, u semmejt ukoll fl-intervent tiegħi, għall-applikazzjoni, *più o meno* fin-nuqqas tal-Guidelines li jkunu parti mil-liġi. Jien għedt hekk, u nikkwota:

> "Jien ridt inkun konfortat bħala Kumitat, qabel ma nimxi pass 'il quddiem, ġaladarba hawn din id-domanda mhijiex imwieġba bħala proċedura legali fil-konfront tal-liġi kif inhija miktuba, b'dak li jgħid il-Kummissarju għal domandi bħall-applikazzjoni ta' sanzjoni. Ejjew ngħidu li jittieħed il-vot illum, u jien inħoss li r-rapport għandu jiġi adottat, però ngħid: Liema sanzjoni se napplika?Tinsiex li meta tapplika sanzjoni, dik hija waħda finali. Jekk tapplika sanzjoni finali, dan il-Kumitat huwa soġġett ta' kollox. Mhux se noqgħod nitkellem fuq li qed jiġri fil-Qorti, għax il-Qorti għandha xogħolha, u din l-istituzzjoni tal-Parlament għandha xogħolha."

Hawnhekk kont qed ngħid li xtaqt li qabel ma jittieħed il-vot, il-Kummissarju għall-Istandards jiġi fil-Kumitat u nagħmlulu d-domandi. Fil-fatt jien komplejt ngħid, u nikkwota:

> "Għalhekk jien nissuġġerixxi, anke jekk fil-każ nissospendu ftit il-Kumitat ħalli nitkellmu, li nitolbu lill-Kummissarju tal-Istandards jiġi hawn, nagħmlu d-domandi fuq dan ir-rapport u anke fuq il-Guidelines, u mbagħadir-riflessjonijiet ... Jista' jkun hemm ħafna modi kif wieħed jimxi 'l quddiem. Mhux se nkun il-prużuntuż jien meta għandna Kummissarju għall-Istandards linaqbel miegħu, li l-Guidelines fihom infushom, bħala direzzjoni, bħala rakkmandazzjoni, lil kull Membru Parlamentari qed jgħidlu: Din hija l-pożizzjoni li kieku nieħu jien. Imma issa mhux li kieku nieħu jien, imma qednitkellmu biex napplikaw il-liġi. Din hija l-pożizzjoni tiegħi."

Fil-fatt wara s-Sedja qalet hekk:

> "Jien għamilt il-kummenti tiegħi biex nosservaw jekk kemm-il darba l-linji gwida mhux se jkunu mdaħħlin, jew b'avviż legali li ministru jista' jressaq, ujekk hemm qbil, jidħol mill-ewwel fi żmien 28 ġurnata. Jiġifieri l-Gvern xħin iridjista' jdaħħalhom b'Avviż Legali within 28 days. Ovvjament hemm il-proċedurajekk tikkontestaha. Meta taqra x-xhieda ta' Dr Hyzler, din jgħidha b'mod intelliġenti f'paġna 22:
>
> > "Tinsewx li intom, kemm bħala Kumitat, u aktar bħala Parlament, tistgħu tagħtu ċerta direzzjoni lill-Kummissarju. Din hija xi ħaġa li qatt ma saret, allura apparti l-esperjenza tal-Kummissarju hija l-esperjenza ġdida, kemm għalija kif ukoll għall-uffiċċju tiegħi sa ċertu punt.Ovvjament il-fatt li l-Kummissarju Hyzler għamel dan ir-rapport huwa

pass importanti ħafna biex bħala kumitat inkunu nistgħu ntejbu dik li hija governanza. Nimxu 'l quddiem aktar. Il-governanza trid issarrafha, u mhijiex kwestjoni li noqogħdu nagħmlu dibattitu x'inhi l-governanza ... Jien għamilt l-osservazzjoni tiegħi, għax m'għandix vot hawnhekk, u allura qed nistaqsi lilkom biex tiddeċiedu the way forward."

Imbagħad għidt dwar il-follow-up. Osservazzjonijiet mill-aspett legali, mhux mill-aspett ta' kummenti u lanqas mill-aspett tar-rapport."

Dik kienet il-pożizzjoni tiegħi bħala konsiderazzjoni li semmejt fl-aħħar laqgħatal-Kumitat Permanenti għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika tal-15 ta' Mejju 2023 qabel ma ttieħed il-vot.

Konsiderazzjoni legali oħra hija fejn jien nagħmel referenza għall-istess Kapitlu 75 li huwa l-Att dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika, fejn aħna marbutin, bħala Kumitat, li nimxu fuq is-setgħa li tagħtina l-istess liġi, la iżjed u lanqas inqas. Il-liġi hija dik lihemm miktuba. Fil-fatt artiklu 13 ta' Kapitlu 570 tal-Liġijiet ta' Malta dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika jagħmilha ċara li bħala funzjoni l-Kummissarju għandu jkollu wkoll il-funzjoni li, u nikkwota:

"Il-Kummissarju għandu jkollu dawn il-funzjonijiet li ġejjin:

(a) li jeżamina u jekk ikun meħtieġ jivverifika, dawk id-dikjarazzjonijiet li jkollhom x'jaqsmu ma' dħul jew attiv, jew interessi jew benefiċċji oħra ta' kull xorta ta' persuni li għalihom japplika dan l-Att, li għandhom id-dmir li

jagħmlu dawk id-dikjarazzjonijiet kif jista' jkun provdut taħt dan l-Att jewkull liġi oħra u li jagħmel rakkmandazzjonijiet f'forma ta' linji gwida li l-Kummissarju jqis li jkunu xierqa u proporzjonati wkoll fir-rigward ta' kull persuna li tonqos milli tagħmel xi dikjarazzjoni kif imsemmi jew li tagħmel dikjarazzjoni skorretta b'mod li materjalment tiżvija l-iskop tad-dikjarazzjoni;"

Imbagħad f'paragrafu (g) (i) jingħad li:

"jagħmel rakkomandazzjonijiet għat-titjib ta' kull Kodiċi ta' Etika li jkun japplika għal persuni li jkunu soġġetti għal dan l-Att u b'mod partikolari, iżda mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak stipulat qabel, li jagħmel rakkomandazzjonijiet dwar l-aċċettazzjoni ta' rigali, dwar l-użu mhux xieraq ta' riżorsi pubbliċi u ta' informazzjoni kunfidenzjali u dwar limitazzjoni fuq l-impjieg jew fuq attivitajiet oħra meta persuni ma jibqgħux fil-kariga ta' Ministru, Segretarju Parlamentari jew membru tal-Kamra tad-Deputati;"

Imbagħad sub-paragrafu (ii) jgħid:

"li jassigura li kull rakkmandazzjonijiet magħmula jieħdu konsiderazzjoni xierqa tal-ħtieġa li kull miżuri, linji gwida jew regoli intiżi biex jiżguraw standards għoljin fil-ħajja pubblika skont dan l-Att għandhom ikunu faċilment aċċessibbli u li jinftiehmu għall-pubbliku inġenerali;".

Dan ifisser li l-Kummissarju, ġustament, għamel il-*Guidelines on Government Advertising and Promotional Material* u ħariġhom għall-konsultazzjoni fit-22 ta' Ġunju 2021. Dawn huma s-suġġett ta' dan il-każ li qed nittrattaw li huwa l-każ 41.

Min-naħa l-oħra s-Sedja tħoss li wara li ssir ir-rakkmandazzjoni, il-linji gwida jew ir-regoli li qed jagħmel għalihom il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, biex ikunu parti mill-enforcement ħalli jiġu applikati taħt l-Att 570 li qed nitkellmu dwaru, l-istess artiklu 15 jgħid li:

> "Ir-regoli kollha magħmulin taħt dan l-artikolu għandhom isiru bi, u jiġu ppubblikati bħala, leġiżlazzjoni sussidjarja magħmula taħt dan l-Att."

Meta ngħidu "leġiżlazzjoni sussidjarja" jien qed nifhem permezz ta' Avviż Legali li diġà għamilt referenza għalih fl-intervent tiegħi waqt l-aħħar laqgħa tal-Kumitat Permanenti għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika.

Is-Sedja dehrilha li għandha wkoll tara dak li ħareġ ukoll minn *Handbook on Parliamentary Ethics and Conduct - A Guide for Parliamentarians* li huwa rapport tal-Westminster Foundation for Democracy li l-pajjiżi tal-Commonwealth jagħmlu referenza għalih anke f'dak li huwa direzzjoni bħala parliamentary ethics fost il-pajjiżi tal-Commonwealth. Ir-rapport jindika b'mod ċar, u nikkwota:

> "Developing an ethics and conduct regime, in other words, requires more than simply publishing a written set of principles, rules and regulations. It means developing political agreement around the purpose of the regime and

> building a culture around its provisions. Parliamentarians must be engaged in the process of developing the system at each stage. This can be done in different ways, but the early stages of development should involve as wide a range of MPs as possible - through general debate and discussion. At the later stages it will be more effective to delegate the task of writing rules to a committee, but again it must be accompanied by consultation, discussion and deliberation within the parliament."

Imbagħad ir-rapport ikompli u jgħid li jrid ikun hemm ftehim minn kulħadd, jiġifieri mill-Parlament, dwar dawn il-prinċipji, u nikkwota:

> "Get agreement on ethical principles first. Once parliamentarians have accepted the need for an ethics and conduct regime, the next stage is to generate agreement around the broad principles by which all politicians should abide. It is important to start with principles for two reasons. First, most institutions already have defining values included in their bylaws or in the constitution."

Imbagħad jagħti eżempju u jsemmi pajjiżi oħra, inkluż l-Amerika, u jgħid:

> "The second is to rely solely on regulation within the legislature itself, as practised in the USA."

Imbagħad ikompli jgħid:

> “The process of developing and implementing an ethics and conduct regime is an integral part of creating a culture in which clear standards are, firstly, understood, and secondly, regarded as legitimate by those who have to abide by them.”

Nagħmel referenza għall-Guidelines u regolamenti li jistgħu jkunu effettivi u li japplikaw għall-Membri tal-Parlament, Ministri u Segretarji Parlamentari, kifindikati f’Kapitlu 570 fejn hemm referenza għall-Ewwel Skeda u t-Tieni Skeda:

> “If the rules are to be effective the process must also engage with MPs to build a set of core institutional values.”

Finalment naghmel referenza ghall-laqgha l-aktar ricenti li nzammet fl-1 ta’ Gunju ta din is-sena mal-kumitat parlamentari dwar l-istandards fil-hajja pubblika ul-OECD fejn fosthom kien hemm Catherine Stone li kienet il-Kummissarju dwar l-istandards fil-hajja pubblika fir-Renju Unit fejn jiena ghidt u l-OECD fehmu car dak li ghidt u nikkwota *“ that it is very important as I was explaining during the meeting before we came here, the code of ethics for ministers and for parliamentarians goes back to 1995. However, it became law in 2017, so we can only enforce anything with regard to ethical behavior as a result of that written law. Having read these codes of ethics from my part I'm in full agreement and I don't have any comments to make. It is important that we come forward with any comments because we need to endorse these in legislation. The procedure that can be adopted is either by going to parliament and discussing it in plenary session or the minister empowered by the*

*primary legislation, would issue a legal notice including for example other ethical standards for ministers, because they are part of the law they are appendix A and appendix B then if that legal notice is challenged by any member of parliament within 28 days, it will have to be discussed in parliament before it becomes law. But we need to do this, we need to upgrade the code of ethics, we need to make it stronger and that has to be done as quickly as possible in order to upgrade the standards"* close quote.

Infatti, Pauline Bertrand, waqt din l-laqgha li kelna bhala kumitat mal-OECD, ikkonfermat dan ma l-istess Catherine Stone, fejn din qalet hekk: "*Catherine made a proposal on how the revised codes could look like, but it's based on the former codes and on the work that has been done*"

Dan ifisser li filwaqt li huwa tajjeb, u jien bħala Sedja qiegħed kompletament in full agreement ma' dak li ppropona l-Kummissarju Emeritu George Hyzler meta għamel id-*Draft Guidelines on Government Advertising and Promotional Material* li huma parti mid-dokument li kien in consultation mal-istess Kumitat, il-way forway biex dawn ikunu parti mil-liġi biex wieħed ikun jista' japplika l-artiklu 27 dwar is-setgħa tal-Kumitat biex jadotta rapport ibbażat fuq dawn il-Guidelines li għadhom mhumiexparti mil-liġi, is-Sedja tħoss li ladarba taħt l-artiklu 27, paragrafu (3) fejn il-Kumitat għandu jiddeċiedi jekk jadottax il-konklużjoni u r-rakkmandazzjoni fl-imsemmija rapport, anke jekk is-Sedja personalment tħoss, kif diġà esprimiet, li taqbel fil-prinċipju ma' dak likiteb fir-rapport ibbażat fuq il-Guidelines li għamel referenza għalihom il-Kummissarju Emeritu Hyzler, ladarba mhijiex konfortata legalment li dawn huma parti mil-liġi kif għandhom ikunu għall-inqas bi ħruġ ta' avviż legali, jew b'emendi approvati mill-Parlament mill-istadji kollha, qiegħda tivvota le sempliċement fuq il-prinċipju legali li ma tistax tapplika xi ħaġa meta ma tkunx parti w konfortata fil-liġi miktuba.

Għaldaqstant is-Sedja, għal dawn ir-raġunijiet, qiegħda tivvota le u r-rapport mhuwiex u ma jistax jiġi adottat fiċ-ċirkostanzi partikolari li s-Sedja rreferiet għalihom f'din id-deċiżjoni.

Is-Sedja tinnota wkoll li r-Rapport tal-Kummissarju li dwaru l-Kumitat irid jieħu deċiżjoni dwar l-adozzjoni o meno tiegħu, jittratta membri tal-Eżekuttiv tal-leġiżlatura preċedenti. Tant hu hekk li numru ta' Ministri u Segretarji Parlamentari msemmija fir-Rapport mhumiex membri tal-Kabinett tal-leġiżlatura kurrenti u addirittura hemm minnhom li lanqas għadhom Membri Parlamentari. Dan il-fatt joħloq id-diffikulta' dwar jekk il-liġi, illum tistax tiġi applikata fil-konfront tal-individwi msemmija stante li skont l-Artikolu 3(a) tal-Att dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika (Kap 570)

3.(1) Dan l-Att japplika għal:

(a) Membri tal-Kamra tad-Deputati inklużi Ministri, Segretarji Parlamentari u Assistenti Parlamentari;

Is-Sedja hawnhekk tirreferi għal ruling li kienet tat fis-Seduta 413 tal-11 ta' Jannar 2021 dwar l-applikabilità tal-Kap 570 fil-konfront ta' ex-Prim Ministru Joseph Muscat meta dakinhar kienet mitluba tieħu deċiżjoni dwar l-applikabilità tal-Artikjolu 28 ta' dan l-Att fil-konfront ta' persuni li m'għadhomx Membri tal-Kamra.

Is-Sedja tara li l-istess argument li nġieb fir-ruling imsemmi dwar l-importanza li Kumitat jimxi strettament mas-setgħat li ttih il-liġi jista' jinġieb ukoll fil-każ li għandna quddiemna llum u dan sabiex il-Kumitat ma jkunx b'xi mod qed japplika proċeduri li jistgħu jkunu *ultra vires* u li allura jkunu qed jilledu d-drittijiet fundamentali tal-individwi konċernati.

Is-Sedja tara li dan huwa argument ieħor li jippreżenta diffikultà dwar vot favur l-adozzjoni tar-Rapport.

Is-Sedja tirrileva wkoll li kull meta tiġi msejjħa biex tagħti vot deċiżiv f'każ ta' parità ta' voti, hija dejjem tieħu in konsiderazzjoni numru ta' prinċipji stabbiliti li huma:

- Li vot deċiżiv tal-Ispeaker fuq emenda ta' mozzjoni għandu jiġi eżerċitat b'mod li l-mozzjoni tibqa' fil-forma oriġinali kif preżentata;

- Li l-Ispeaker għandu dejjem jivvota b'mod li, sa fejn dan ikun possibbli, għandu jitħalla lok għal aktar diskussjoni; u

- Li, fejn mhux possibbli aktar diskussjoni, id-deċiżjoni m'għandhiex tittieħed jekk mhux b'maġġoranza ta' voti tal-Onor. Membri preżenti u li jivvotaw;

Dan kif stabbilit kemm minn deċiżjonijiet ta' Speakers preċedenti, fosthom dak tal-Ispeaker Louis Galea mogħti fl-14 ta' Diċembru 2009 li bbaża d-deċiżjoni tiegħu kemm fuq preċedenti kif ukoll fuq dak li jgħid l-Erskine May. Ta' min jinnota li fil-paragrafu 20.90 tal-verżjoni kurrenti tal-Erskine May għadna nsibu dan li ġej:

> Principles on which Speaker gives casting vote
>
> 20.90 The occasions on which a Speaker is required to give a casting vote are rare, and in seeking to deduce principles upon which a vote is given, the precedents of the last three centuries are relevant. Although the decisions of successive Speakers have not invariably been consistent, three principles have emerged:
>
> 1. that the Speaker should always vote for further discussion, where this is possible,
> 2. that, where no further discussion is possible, decisions should not be taken except by a majority, and

3. that a casting vote on an amendment to a bill should leave the bill in its existing form.

Is-Sedja diġà kienet irrikorriet għal dawn il-prinċipji fil-motivazzjoni tal-vot li kienet tat fil-Laqgħa tal-Kumitat dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika tat-13 ta' Lulju 2021 meta vvotat għal aktar diskussjoni u dan skont il-prinċipju msemmi hawn fuq li s-Sedja għandha tivvota b'mod li, sa fejn dan ikun possibbli, jitħalla lok għal aktar diskussjoni.

Is-Sedja tinnota li wara li l-proposta li kienet ressqet fl-aħħar laqgħa tal-Kumitat għal aktar diskussjoni qabel il-Kumitat jiġi biex jivvota fuq l-adozzjoni tar-Rapport ma ntlaqatx, hija tara issa hija marbuta li tivvota kontra l-adozzjoni tar-Rapport, din id-darba skont il-prinċipju li fejn mhux possibbli aktar diskussjoni, id-deċiżjoni m'għandhiex tittieħed jekk mhux b'maġġoranza ta' voti tal-Onor. Membri preżenti u li jivvotaw.

Is-Sedja tixtieq tirrileva li l-animu tal-proposta għal aktar diskussjoni li għamlet fl-aħħar laqgħa kien appuntu biex twassal għal sitwazzjoni fejn il-Kumitat ikun jista' jasal għal deċiżjoni b'maġġoranza ta' voti. Bl-istess animu s-Sedja qiegħda terġa' tagħmel proposta għal aktar diskussjoni sabiex isiru l-emendi u l-aġġornament tal-Kodiċi ta' Etika neċessarji permezz ta' emendi fil-liġi.